TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ottubru, 2023**

**Talba Nru: CCT147/23/DS**

**Melvin Cachia**

**Vs**

**EPIC Communications Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-23 ta' Awwissu, 2023 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tibdel il-*mobile phone* illi xtara minghandhom jew fin-nuqqas tnaqqas l-ammont ta' mitt Ewro (€100) mill-flus dovuti minħabba illi l-apparat, skont l-attur, mhux jaħdem kif suppost.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ intavolat risposta fl-10 ta' Settembru, 2023. Hija ssostni illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex minħabba nuqqas ta' koperazzjoni minn naħa tal-attur ma setghetx tivverifika il-ħsarat allegati stante illi huwa ma riedx iħalli l-apparat biex jiġi ċċekkjat mit-tekniċi;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-partijiet kkonfermaw it-talba u r-risposta bid-dettalji li fihom taħt ġurament.

Illi t-Tribunal jinnota illi l-attur ammetta illi huwa ma riedx iħalli l-mobile phone għand is-soċjeta' intimata. Ir-raġunijiet f'dan l-istadju m'humiex daqshekk relevanti

stante illi l-liġi teżiġi illi "jekk in-nuqqas ta' konformita' għandu jiġi rimedjat minn tiswija jew sostituzzjoni tal-oġġetti, il-konsumatur għandu jqiegħed l-oġġetti għad-dispożizzjoni tal-bejjiegħ." (Artikolu 75(3)) Dan irrifjuta li jagħmlu meta rikjest mis-soċjeta' intimata w'għaldaqstant is-soċjeta' intimata tpoġġiet f'pużizzjoni fejn ma setgħetx tagħmel il-verifiki neċessarji.

Dan it-Tribunal ma jħossx illi kien hemm nuqqasjijet mis-soċjeta' intimata.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma pruvax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha in toto.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**